Mellieħa

18 ta' Novembru 2021

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 33**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fis-Seduta tal-Kunsill Lokali numru **33** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar l-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

33.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

33.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

33.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

33.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

33.5. Sejħa għall-kwotazzjonijiet CfQ: MLC 4/2021 – Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt dwar il-kiri u installazzjoni ta' dwal dekorattivi tal-Milied;

33.6. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi;

33.7. Evalwazzjoni ta' nomimi eliġibbli għall-onorefiċenzji mogħtija mill-Kunsill;

33.8. Użu ta' servizzi mogħtija minn Project Plus Ltd;

33.9. Proġetti kapitali għas-sena 2022;

33.10. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi;

33.11. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

## MOZZJONI

**33.5. Mozzjoni mressqa mis-Sindku Dario Vella, li tgħid:**

***"Billi saru sejħiet għall-kwotazzjonijiet CfQ: MLC 4/2021 skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), liema sejħa tinvolvu t-tiżjin bid-dwal għall-Milied 2021 u l-Ewwel tas-Sena 2022 fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq il-Kbira; Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II; Triq il-Parroċċa, Misraħ il-Parroċċa (Mellieħa); u Misraħ il-Parroċċa (Manikata);***

***Billi s-sottomissjonijiet li saru mill-uniku offerent li kien hemm kienet kompatibiltà mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba, skont kif spjegat fir-Rapport ta' Evalwazzjoni tad-9 ta' Novembru 2021;***

***Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2021, taħt il-vot Nru. 3370, kif ukoll taħt skema amministrata mir-Reġjun Tramuntana għal dan il-għan;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratti illi jipprovdu għas-servizz msemmi għandu jiġi ffirmat mal-offerent Carl Caruana, skont il-kundizzjonijiet u l-ispeċikazzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.".*** ***(T/4/15)***

Dario Vella
Sindku (Proponent)

I. Castillo
Kunsillier (Sekondant)